# Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta

*kitba ta' Victor B. CARUANA*

## Ir-Rotta l-Qadima

Illum kulmin jgħaddi mill-Mosta biex imur San Pawl il-Baħar jew il-Mellieħa, kif jasal fejn ir-Rotunda, idur mal-funtana ta' l-iljun u jitla' dritt minn Triq il-Kostituzzjoni. Iżda sa madwar sebgħin sena ilu, il-fatti kienu wisq differenti. Min kien ikun ġej minn Triq il-Kungress Ewkaristiku, kien jgħaddi minn quddiem ir-Rotunda u kien ikollu jdur lejn Triq il-Kbira u jgħaddi minn fejn illum insibu l-Każin tal-Banda Nicolò Isouard, u jibqa' tielgħa minn quddiem fejn illum insibu is-*City Bar* sakemm jasal ftit 'il fuq safejn huwa magħruf bħal 'L-Erba' Ħwienet'. Hawnhekk kien jikser lejn il-lemin u jinżel minn Triq l-Isperanza. Kien jgħaddi minn quddiem il-kappella storika u devota tal-Madonna ta' l-Isperanza u jibqa' ħiereġ minn fejn illum hemm it-tarf ta' Triq il-Kostituzzjoni li dak iż-żmien ma kinitx teżisti. Biex niftiehmu aħjar kien joħroġ għal fejn illum hemm il-*Big Shot Bar* u jkompli nieżel għal Għajn Riħana jew Burmarrad.



*Qabel l-1929, kulmin kien irid jgħaddi għal San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa, kien jgħaddi minn quddiem il-kappella tal-Madonna ta' l-Isperanza. Minħabba f'hekk id-devozzjoni lejn il-Madonna meqjuma f'din il-kappella kienet aktar imxerrda ma' Malta u Għawdex milli hi llum.*
*(ritratt: Victor B. Caruana)*

Minħabba f'hekk dik il-kantuniera magħrufa bħala 'L-Erba' Ħwienet' kienet ta' ċertu importanza. Fit-tarf ta' kull waħda minn dawn l-erbgħa kantunieri kien hemm ħanut. Dawn kienu kollha ħwienet ta' l-ikel, u jingħad li dawn kellhom kummerċ mhux ħażin dak iż-żmien. Billi dak iż-żmien kien jinġarr kważi kollox bil-karrettuni għan-naħa ta' fuq ta' Malta, hawnhekk kienet waqfa ta' mistrieħ importanti kemm għas-sidien tal-karrettuni kif ukoll għall-bhejjem li jiġbdu t-tagħbija. Dawn kienu jkunu żwiemel, ħmir u bgħula.

Dawk il-burdnara min jaf fi x'ħin ikunu qamu u min jaf min fejn kienu ġejjin. Fil-għodu l-aktar li kienu jservu bħal kafè iswed u tè flimkien ma' biskuttelli u galletti. Min-nofs inhar 'il quddiem kienu jservu minestra, imqarrun il-forn jew ross il-forn u ħobż biż-żejt u tadam. Kien ikun hemm bosta ħoloq mal-ħitan biex jorbtu l-bhejjem magħhom.

Skond tagħrif li jien ġbart minn anzjani li kienu joqogħdu f'dawn l-inħawi, jiftakru li meta dawn il-burdnara kienu jitilqu, il-bhejjem li kienu jħallu barra kienu jagħmlu mandra sħiħa fit-triq. Iżda s-sidien ta' dawn il-ħwienet kienu jieħdu ħsieb inaddfu dan l-inkonvenjent. Meta kont żgħir niftakar lieta minn dawn il-ħwienet miftuħin. Illum baqa' wieħed biss.

## Jibda x-Xogħol fuq Triq Ġdida – Qisien

Minħabba li t-traffiku u l-kummerċ beda jiżdied bdiet tinħass il-ħtieġa ta' triq ġdida u aktar wiesgħa, li mill-qalba tal-Mosta twassal għat-tarf tiegħu mingħajr ħafna tidwir. Saru l-pjanti meħtieġa u x-xogħol propju beda f'Novembru 1929. Din it-triq oriġinarjament kellha dawn il-qisien.

Din kienet tibda b'wisgħa ta' 30 pied (9.14 m.) għat-traffiku u bankina kull naħa b'wisgħa ta' 10 piedi (3.04 m.) kull waħda. Imbagħad kienet tiġbed dritt għal 584 jarda (534 m.) lejn il-majjistral, fejn tiltaqa' ma' pont tal-ġebel mibni fuq il-wied.

Dan il-pont huwa magħmul minn tlett arkati ta' 30 pied (9.14 m.) wisa' kull waħda. Dawn jistrieħu fuq żewġ pilastri ta' 6 piedi (1.85 m.) ħxuna mqiegħda fil-wied. It-truf ta' l-arkati qegħdin mal-ġnub tal-wied. Biex kulħadd jifhimna, dan il-pont huwa dak ta' ħdejn *Casa Arkati*. It-triq ta' fuq il-pont, li hija fuq 46 jarda (42 m.) twila, tibqa' għaddejja dritt.

Il-biċċa li ġejja mir-raħal, il-wisgħa tagħha jibqa' l-istess għat-traffiku. Iżda l-bankini huma ta' 5 piedi (1.52 m.) wisa' kull waħda minflok ta' 10 piedi (3.04 m.) bħal dawk ta' barra l-pont. Mill-pont 'il fuq it-triq tkompli sejra dejjem għad-dritt sa fejn Sant'Andrija. Hemmhekk imbagħad tkompli mat-triq li hemm sejra għal San Pawl il-Baħar. Din tat dehra sabiħa ta' 'l fuq minn 1,000 jarda (914.35 m.) tul li wieħed jista' jgawdi mill-pjazza tar-raħal. Din it-triq ġiet imsejħa "TRIQ IL-KOSTITUZZJONI" b'avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ġunju 1930.



*Dehra waqt ix-xogħol fuq il-bini tat-tliet arkati, li jiffurmaw il-pont li minn fuqu tgħaddi Triq il-Kostituzzjoni quddiem fejn illum hemm 'Casa Arkati'.*
*(ritratt ipprovdut minn Salvu Zahra).*



*Dan ir-ritratt meħud bejn l-1929 u l-1930 minn fuq il-koppla tar-Rotunda. Dan juri Triq il-Kostituzzjoni kważi lesta, iżda għadha b'wiċċ abjad mingħajr asfalt, qisha ranwej ta' xi ajruport, imdawra bl-għelieqi biss. Fin-nofs kemmxejn lejn il-lemin tidher dar kbira u sabiħa bi tlett itwieqi kbar u ġnien kbir warajha, li tinsab f'nru. 26, Triq il-Lunzjata. Din għamlet żmien bħala kunvent tas-Sorijiet Agostinjani, qabel ma dawn bnew il-kunvent u l-iskola l-ġdida (Santa Monika) fi Triq Ponsonby. F'din id-dar antika, kien hemm skola tat-tfal żgħar fejn anke l-awtur stess kien jattendi għal xi tliet snin. Flok uniformi kellhom libsa sħiħa mill-għonq sat-tarf ta' saqajhom! Din kienet griża u kienu jgħidulha 'fardala'.*
*(ritratt ipprovdut minn: Louis Vella).*

## Żmien il-Gwerra

F'din it-triq kien hemm xelter tal-gwerra u kellu in-numru 144. Waqt it-tieni gwerra dinjija kien hawn skarsezza kbira ta' ikel. Għalhekk il-Gvern fetaħ għadd ta' ċentri fejn ġew organizzati gruppi ta' nies li kienu jistgħu jkabbru l-uċuħ tar-raba' tagħhom. Is-slogan ta' dawn iċ-ċentri kien "***Dig For Victory***"! Il-bniedem li kien inkarigat minn dan il-grupp fil-Mosta kien is-sur Emanuel Bajada li kien joqgħod f'nru. 59, Triq il-Kostituzzjoni.

## L-Ewwel Ħanut kien tal-Ħwejjeġ

Minbarra l-ħtieġa kbira għat-traffiku dejjem jiżdied, u minħabba li kulmin irid jgħaddi għal San Pawl il-Baħar, Buġibba, Mellieħa u ċ-Ċirkewwa jrid jgħaddi minnha, din tat xeħta ġdida lill-Mosta. Mill-ewwel bdew jinfetħu ħwienet ta' kull xorta. L-ewwel ħanut li nfetaħ kien tal-ħwejjeġ u dan fejn illum hemm il-*Bus Shelter* tan-naħa tal-Knisja, faċċata tal-*Casa d'Oro*.

Dak iż-żmien dik in-naħa kien hemm il-bini. Illum dan ilu mwaqqa' u minfloku nsibu l-*carpark* tal-pjazza. Skond ma qalli Salvu Vassallo tal-*Best & Less*, dan l-ewwel ħanut kien ta' missieru u tan-nanniet tiegħu.

## Il-*Paramount Garage*

Il-*Paramount Garage* jinsab n-naħa tat-tarf ta' fuq ta' din it-triq. Dan kien ġie mwaqqaf mis-sur Ġużeppi Grech, wara l-aħħar gwerra dinjija. Ġużeppi Grech kien iqassam ir-raxin wara l-gwerra, u ftit wara li spiċċat, huwa xtara karozza tal-linja ta' Bormla.

Minn dakinhar 'il hawn, huwa beda jinnegozja fil-karozzi tal-linja u wieħed mill-ħaddiema tiegħu, Karmnu mlaqqam 'Iż-Żerżur' kien magħruf għall-karozzi tal-linja sbieħ li kien kapaċi jibni. Il-flotta ta' karozzi tal-linja tiegħu kompliet dejjem tikber. Illum il-*Paramount Garages* għandha waħda mill-akbar flotot tal-karozzi tal-linja kif ukoll *private coaches* moderni u *minibuses* taħt it-tmexxija ta' ibnu, is-sur Leo Grech.




***Is-sur Ġużeppi Grech (1922-2002), il-fundatur tal-Paramount Garage u benefattur kbir Mosti. Dan ir-ritratt meħud mill-awtur innifsu fl-1975 waqt iċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari li jinsab fir-Rotunda. Mix-xellug: is-sur Ġużeppi Grech, li kien qed jirrappreżenta l-poplu Mosti; l-Onor. Alfred Micallef, bħala xhud; in-Nutar Francis Micallef qed jaqra l-kuntratt ta' l-Inkurunazzjoni; u x-xhud l-ieħor, l-Onor. il-Perit Lawrence Gatt B. Arch., A & C E.***

Is-sur Ġużeppi Grech kien benefattur kbir għal dak kollu li hu Mosti, u kemm hu u kif ukoll il-familjari tiegħu ġieli għamlu donazzjonijiet anke lill-Każin Nicolò Isouard.

## Ċikku 'Ta' Bormla'

Wieħed mill-aktar nies konnessi ma' din it-triq kien Frans Vella, magħruf bħala "Ċikku Ta' Bormla", belt twelidu. Dan kellu maħżen u bitħa kbira ħafna, u għall-ewwel kien fetaħ bħala mekkanik. Imbagħad fl-1946 huwa beda jixtri s-*Surplus Stores* ta' l-*Army*, tan-*Navy* u ta' l-*Air Force*, li kienu stazzjonati f'Malta u jbigħhom minn hawn.



***Frans Vella jew aħjar Ċikku 'Ta' Bormla' (1900-1973) - persuna b'konnessjoni speċjali ma' din it-triq, fejn kellu imħażen kbar li minnhom kien ibiegħ is-Surplus Stores tas-Servizzi Ingliżi f'Malta. (ritratt ipprovdut minn: Louis Vella).***

Kont issiblu minn kollox: viti, skorfini, siġġijiet, skrivaniji, fran, sa mutur tad-*Despatch Riders*, trakkijiet ta' kull għamla u daqs. Dak iż-żmien kien hawn nuqqas ta' kollox u flus fl-idejn ma tantx kien hawn. Kont għadni tifel, iżda niftakar tajjeb għax kont ġej u sejjer għandu ma' missieri jew man-nannu. Kont nintilef inqalleb għandu u l-hena tiegħi kien meta kont insib xi maskla tal-gass tal-gwerra u kont nilbisha!

Kien ikollu ħafna nies, kulħadd iqalleb u kulħadd kien isib xi ħaġa tgħodd għalih. Għal prezzijiet, ġebbed minn hawn u minn hemm kulħadd kien jirranġa miegħu. Jekk kont tfittex xi ħaġa u ma ssibhiex, kien joħroġ bl-espressjoni tipika tiegħu: "Ejja ġimgħa oħra u jkolli mimli trakk"! Kont taqbad u tidħol tfittex u tqalleb. Meta ssib dak li ridt, kien ikollok biċċa xogħol oħra biex issibu u tħallas.

L-aktar li kien ibiegħ kienu karozzi u trakkijiet tal-militar bħal"*Dodge*, *Bedford* u *Morris*. Dawn ma kienx iżommhom fejn kien ibiegħ, iżda ġo xagħra fit-tarf ta' Triq l-Isperanza. Ħafna mit-trakkijiet li kien ibiegħ kienu ġew żarmati u fuq ix-*chassis* tagħhom inbnew karozzi tal-linja u li xi wħud minnhom għadhom iduru fit-toroq tagħna. Huwa kien xtara l-kotba kollha tal-*Malta Garrison Library*, u kien ibigħhom xelin (5ċ.) il-wieħed!

Huwa dam f'dan in-negozju mill-1946 sal-1967. Fl-1971 il-post tiegħu ġie trasferit fuq ibnu Frank, li bidlu f'*Ta' Bormla Hardware Store*. Ċikku kien magħruf

bħala wieħed mill-aqwa plejers tal-boċċi f'Malta. Ċikku miet fl-1973, fl-età ta' 73 sena.

## L-*Ark Royal Hall*

Ħafna mill-koppji Mostin li żżewġu bejn is-snin '50 u '70 għamlu r-riċeviment tagħhom hawnhekk. Din kienet ukoll fi Triq il-Kostituzzjoni quddiem il-*Paramount Garage*, iżda ftit 'il fuq. Meta ssemmi l-*Ark Royal Hall* ma tistax ma ssemmix l-*Iskiffle Group* "*THE BIG BEATERS*". Dawn kienu popolari ferm u kienu jdoqqu f'kull tieġ li kien isir hawn. Kienu jdoqqu wkoll f'diversi postijiet f'Malta. Dawn kienu kollha Mostin u kienu: **Jimmy Gatt** *leader* u *bass-guitar*, **Joe Camilleri** *lead guitar*, **John Magri** u **Anġlu Fenech** li kienu jdoqqu d-*drums* u jkantaw, filwaqt li **Jimmy Sultana** kien ikanta u jdoqq il-*washboard* (strument tipiku tal-gruppi ta' dak iż-żmien).

Meta John Magri emigra lejn l-Awstralja, postu ħadu'**Joe Gatt** tal-*Mosta Dramatic Company*. Naħseb li ftit mill-Mostin jafu li l-famuż ċiklist John Magri u l-eks Segretarju Ġenerali tal-*General Workers Union* kienu kantanti popolari wkoll! Illum l-*Ark Royal Hall* qed jintuża bħala stor.

Fl-istess inħawi kien hemm żewġ garaxxijiet kbar tal-mekkaniks, li wieħed minnhom kellu wkoll pompa tal-petrol. Wieħed kien ta' Ġamri Galea u l-ieħor kien ***LONZU Garage***. Illum dawn it-tnejn jinsabu magħluqa. Fl-istess triq aktar 'l isfel kien hemm żewġ pompi oħra tal-petrol, li għadhom hemm sal-lum. Fis-snin sittin kien hemm ukoll il-Każin tal-Partit Nazzjonalista, li llum jinsab aktar 'l isfel lejn il-pjazza. Il-***Mosta Cycling Club*** ukoll għamel żmien f'din l-istess triq fil-post jismu '*Sydney*'.

## Bars Magħrufa fi Żmien l-Imgħoddi

Dawk li jħobbu n-*night life* illum imorru Paceville. Daqs tletin sena ilu nies minn kull naħa ta' Malta kienu jiġu l-Mosta, għax kien hawn tliet postijiet mill-aktar magħrufa bħala *night clubs*. Billi dawn m'għadhomx jeżistu, tajjeb li nsemmuhom. Dawn kienu l-***BLUE ORCHID***, il-***CONEY ISLAND BAR*** u ***THE NEW INN***. Flok il-*Blue Orchid* illum insibu l-*Marfel Stationery*. Il-*Coney Island Bar* għalaq u minfloku fetaħ ***THE MODERN STORE***, speċi ta' *supermarket* għal dak iż-żmien. Dan għalaq ukoll u minfloku llum insibu l-uffiċju ta' ***CHARLES AUTO DEALER***.

Sid il-*Modern Store*, Joe Gatt ukoll kellu *Band Group*. Hu kien il-*leader* bl-akkordjin, ibnu Jimmy Gatt u Joe Camilleri kienu jdoqqu l-kitarra elettrika u Charles (*City*) Gatt kien għadu jibda fuq id-*drums*. Ma' dan Joe Gatt kienu jdoqqu Frankie Gatt (*drums*) u Pawlu l-Qormi - saksofonist magħruf ħafna dak iż-żmien.

***THE NEW INN CLUB*** ukoll kien popolari ħafna, iżda wara ftit snin għalaq ukoll. Imma ma damx magħluq għax reġa' nfetaħ bl-isem ta' ***WHISPER NIGHT CLUB***. Dan kien wieħed mill-aktar *night clubs* popolari dak iż-żmien. Il-magħruf kantant Olandiż **Peter Van Wood** u l-Awstraljan **Rolf Harris** għamlu żmien ikantaw f'dan il-lokal. Anke l-famuż kantant Grieg, **Demis Roussos**, ukoll kanta hawnhekk. L-eks Prim Ministru ta' Malta, Dr. Ġorġ Borg Olivier kien jieqaf hawn regolarment fi triqtu lejn il-villa tiegħu f'San Pawl il-Baħar. Illum dan il-lokal inbidel f'ristorant li jġib l-isem ta' ***TA' MARIJA RESTAURANT***.

F'din it-triq kien hawn ukoll sala tat-tiġijiet bl-isem ta' ***ALPHA HALL***. Din fetħet fl-1979 u damet sa l-1991.



***Triq il-Kostituzzjoni f'jum Santa Marija 2002 fejn jidhru l-pavaljuni sbieħ li saru fl-1971.***
***(ritratt: Victor B. Caruana)***

## Il-Pavaljuni l-Ġodda

Fi żmien il-Festa din it-triq tkun imżejna b'sett ta' disa' pavaljuni sbieħ. Dawn saru fl-1971 fuq l-inizjattiva ta' Grezzju Schembri u Emanuel Vassallo. Dawn ħadu l-inkarigu u ġabru l-flus meħtieġa. Huma kienu jagħmlu ġabra darba fix-xahar fost ir-residenti ta' din it-triq. Id-disinn tagħhom sar minn Dun Karm Mifsud, li sa sentejn ilu kien id-Direttur Spiritwali tas-Soċ. Fil. Nicolò Isouard. Id-drapp inħadem fit-Tarzna ta' Malta. Victor Gauci ħadem ix-xogħol ta' l-injam u l-labardi, filwaqt li x-xogħol fuq it-torn sar minn Oscar Mizzi. Darba



***L-istess triq f'jum il-festa fejn jidhru t-trofej sbieħ wara t-tisbiħ li sarilhom dan l-aħħar mill-grupp ta' żgħażagħ ħabrieka tal-Grupp Tiżjin Santa Marija.***
***(ritratt: Victor B. Caruana)***

biss ma ntramawx f'wieħed u tletin sena minħabba ħsara fil-wajers. Dawn l-aħħar snin qed jieħu ħsiebhom Edwin Vassallo, illum Membru Parlamentari. Emanuel Vassallo qalli li l-ewwel darba li ntramaw, l-ispejjeż tad-dawl tat-triq ħallashom kollha Frankie Vella (Ta' Bormla).

## Numru ta' Sportivi Magħrufa

Din it-triq hija msemmija wkoll għan-numru ta' sportivi magħrufa li għixu fiha, l-aktar fil-qasam ta' l-isparar fuq il-plattini. Fost dawn insibu lil **Karmnu Vella** u wliedu, **Ġamri Galea** u ibnu **Valent**, **Wenzu Vella** u **Joseph Grech**. Dawn l-aħħar tnejn anke rrappreżentaw lil Malta fil-Logħob Olimpiku li sar f'Ruma fl-1960. **Lawrence Vella**, iben **Wenzu** wkoll rebaħ diversi unuri barra minn Malta. Ta' min isemmi lil **Frans Pace** li għadu jikkompeti b'suċċessi kbar sal-lum kemm fil-kompetizzjonijiet domestiċi kif ukoll barra minn Malta, fosthom l-Olimpijadi li saru f'Atlanta fl-Istati Uniti fl-1996 u dawk f'Sydney l-Awstralja, fl-2000. Hawn joqgħod ukoll iċ-ċiklist magħruf **John Magri**, li barra d-diversi unuri fil-kampjonati Maltin, ħa sehem ukoll b'suċċess f'diversi edizzjonijiet tal-Logħob tal-Mediterran.

## Taħwil ta' Siġar

Meta twaqqaf l-ewwel Kunsill Lokali tal-Mosta taħt it-tmexxija tas-Sindku Nazzareno Vassallo, bdew isiru pjanijiet biex tiġi msebbħa din it-triq. Għalhekk fl-1995 saru konok kbar fil-ġnub tat-triq biex fihom tħawwlu siġar u xtieli biex jagħtu dehra aktar sabiħa. Għal bidu mhux kulħadd qabel magħhom billi t-triq djieqet xi ftit. Iżda llum billi s-siġar kibru u sbieħu, dawn taw dehra ta' ambjent naturali sabiħ.

## Iċ-Ċentru Ċiviku

Fl-1964 beda jinbena ċ-Ċentru Ċiviku, li d-dħul prinċipali tiegħu dak iż-żmien kien minn Triq il-Kostituzzjoni. L-Għassa tal-Pulizija, l-Uffiċċju tal-Posta u l-Berġa tat-Tabib tal-Gvern sabu posthom f'din it-triq meta tlesta dan iċ-Ċentru Ċiviku fl-1966. Dan ġie



*Iċ-Ċentru Ċiviku li kien inawgurat fis-16 ta' Marzu 1966 mill-Prim Ministru Dr. Ġorġ Borg Olivier.*

nawgurat mill-Onor. Prim Ministru, Dr. Ġorġ Borg Olivier, u mbierek mill-W.R. Arċipriet, Dun Bert Bezzina, fis-16 ta' Marzu 1966. Kien hemm ukoll il-Bank tal-Gvern li llum ma għadux jeżisti. Dan il-post ġie mkabbar ħafna u mibdul dawn l-aħħar snin, l-aktar minn mindu ġew imwaqqfa l-Kunsilli Lokali. Sar ħafna tibdil u tkabbir fi żmien is-Sindku Nazzareno Vassallo (illum President tas-Soċ. Fil. Nicolò Isouard). Fil-preżent insibu fih ukoll ul-Poliklinik, il-Librerija Pubblika, l-Uffiċini tal-Kunsill Lokali, l-Uffiċċju Distrettwali ta' l-Agrikoltura u ta' l-Indafa u s-Sigurtà Soċjali.



*'Casa Arkati' - Dar sabiħa u moderna għall-anzjani, mibnija fuq stil tipiku Malti u mżejna b'galleriji Maltin.*

## Dar ta' l-Anzjani

F'din it-triq insibu wkoll *CASA ARKATI* - dar kbira u sabiħa għall-anzjani, waħda minn erbgħa li nsibu fil-Mosta. Din ġiet mibnija mid-ditta *Vassallo Builders*, u ġiet miftuħa uffiċjalment nhar il-Ħadd, 1 t'Awwissu 1993, mill-Prim Ministru, Dr. Eddie Fenech Adami. Meta ġiet nawgurata kellha 45 kamra. Aktar tard din ġiet imkabbra b'żieda ta' 26 kamra oħra. Din is-sezzjoni ġdida infetħet nhar it-Tlieta, 4 ta' Ġunju 2002.

## Żewġ Banek

F'din it-triq insibu wkoll żewġ Banek - il-*BANK OF VALLETTA* u l-*HSBC*, li kellu l-ismijiet oħra li kienu *Barclays Bank*, *Mid-Med Bank*, u anke *National Bank of Malta*.



*Il-Bank of Valletta, li dejjem baqa' fl-istess post iżda b'ismijiet differenti.*

## Aktar Ħwienet

Fit-73 sena li ilha miftuħa din it-triq, diġà għaddiet minn tibdil sostanzjali. Waqt li kont qed niġbor it-tagħrif meħtieġ għal dan l-artiklu, diversi Mostin, fosthom l-



*Fil-bidu ta' dan l-artiklu rajna din it-triq mingħajr bini fl-1929 permezz ta' ritratt miġbud minn fuq il-koppla tar-Rotunda lejn Sant'Andrija, fit-tarf tat-triq. Dan ġie meħud mill-awtur stess minn fuq Sant'Andrija lejn ir-Rotunda, nhar it-Tnejn 14 t'Awwissu 1995 minn fuq l-ajruplan żgħir tat-tip piper lance ta' Carmel Bartolo. Dan l-ajruplan bi skrun wieħed sparixxa xahrejn u nofs wara fi triqtu lejn it-Tuneżija.*
*(ritratt: Victor B. Caruana)*

editur stess, issuġġerewli li nġib lista tal-ħwienet li fis-sena 2002 kienu jeżistu f'din it-triq. Għoddejna mal-107 u qassamnihom f'kategoriji differenti (nisperaw li ma ħallejna lil ħadd):

KLINIKA:
*St. James Hospital - Clinic (Mosta Branch).*
SPIŻERIJI:
*Grognet Pharmacy; Tat-Tarġa Pharmacy.*
TAL-ĦWEJJEĠ:
*Best & Less; Mexx; New Modes Wedding Boutique; Lunavel; Eurosposa Wedding; Numero 3; Under Age; Rochelle Beauty Shop & Boutique; Adams Boutique; Chequers 2; La Poupeè; Swinger; Stelle Alpine.*
TAŻ-ŻRABEN:
*Baggitt Shoe Store.*
TAŻ-ŻEBGĦA u GĦODDA:
*Ta' Bormla; Karamellu; V.B. Supplies; G. & C. Technik.*
TAX-XIRI TA' PROPJETÀ:
*Century Real Estate; Keyland Real Estates; Ray Tarr; Legend Real Estates.*
TA' L-ORNAMENTI u ATTREZZAMENTI GĦAD-DAR:
*Delta Home Centre; Balay Home Centre; Degiorgio Appliances; Marpac Household & Ornaments; Casa d'Oro; Bonavia.*
TAL-PURTIERI:
*B 4 Textiles; Best & Less 2.*
TAL-LINEF:
*Bonavia; Bright Ideas; Grech's Chandeliers & Ornaments.*
TA' L-GĦAMARA:
*Classic Furniture; Fitwell Furniture; Quick Fit Furniture; Mosta Home Furnishings; Design 2000.*
TAL-BANJIJIET u *SWIMMING POOLS*:
*Ideal Bathrooms; Soap & Sponge Bathrooms; Poseidon Swimming Pools.*
TA' L-ALUMINJU:
*Alu Care.*
TA' L-ARJA KONDIZZJONATA:
*KNK Air Conditioners.*
TA' L-INDAFA:
*Bad Boy Cleaners.*
TAS-SIGURTÀ:
*P.D. Security Installations.*
TA' L-ASSIKURAZZJONI:
*Laferla Insurance; AXA Insurance; Micallef Insurance; Independent Insurance; Gasan Mamo Insurance; Middle Sea Insurance; Citadel Insurance.*
TAL-KAROZZI U TAJERS:
*Charles Auto Dealers; Mosta Auto Dealers; Joe Auto Dealers; Metro Tyre Services Ltd.; Carways; Falcar.*
TAT-TAPIZZERIJA:
*Charles Ciangura Car Covers.*
TAL-PETROL:
*Laguna Sega Service Station; Auto Fill Service Station.*
TAL-ĠUGARELLI:
*Toyland.*
TAL-PASSATEMPI:
*Hobby World Arts & Crafts; Ta' Bormla; Karamellu (Pet Shop); Micallef Fish Shop.*
TAL-BAĦAR u DGĦAJJES:
*Marine Outboards Centre; Jupiter Marine Centre; Lonzu Garage Boat Storage.*
TAL-ĠARDINAĠĠ:
*The Cottage Garden; Karamellu Pet & Garden Centre.*
TA' L-ISTATWI SAGRI:
*Marfel Sacred Statues Shop.*
TAL-ĦJATA u RAKKMU:
*John Vella Shop.*
TAT-TELEFON:
*Fone Zone.*
TAL-KOMPJUTER:
*Genesis Information Technology Centre; Computer Training Centre; Educational Enterprises; Computer Domain Training Centre.*
TAS-SISTEMI SATELLITARI u *HI-FI*:
*Tekno; Pimpernell; Stans Global Trading; Mosta Electronic Centre; Bonavia Video Shop.*
TAL-KIRI TAL-*HI-FI*:
*Black Toe Sound & Lighting.*
TAL-GAZZETTI u TAL-KOTBA:
*Cauchi's; Genesis Stationery & Toys; Marfel Stationery; Educare Bookshop.*
TA' L-INVITI u SOUVENIRS:
*Coral Print.*
SUPERMARKIT:
*Ta' Natu Supermarket.*
TAL-ĦAXIX:
*Tas-Sapuna Greengrocer; Green Stuff Greengrocer.*
TAL-LAĦAM:
*St. Jude Butcher.*
TAL-PIZZA u CAFÈ:
*Cauchi's; La Fragola; Mellows; Olympic Bar; Big Shot.*
TAL-ĦELU:
*Kirstie's Confectionery.*
TAT-*TAKE-AWAY*:
*Kentish Fried Chicken.*
RISTORANT:
*Ta' Marija Restaurant; Bim Blue Bar.*
TAL-ĠOJJELLERIJA:
*Marfel Jewellers; S. Debono Jewellers.*
TAS-SBUĦIJA:
*Fashion & Beauty Centre; Art & Body Co Ltd.*

F'din l-istess triq kien hawn ukoll il-***Palladium Cinema***, li aktar tagħrif dwaru jidher f'artiklu għalih. Sa madwar 35 sena ilu kien hawn ukoll żewġ ħwienet tal-ħajjata ta' l-irġiel. Dawn kienu: ***Joe Scicluna Tailoring*** u ***Xavier Camilleri Tailoring***.

*15 ta' Frar, 2003.*

**Referenzi**:

a) Tagħrif dwar il-qisien ta' Triq il-Kostituzzjoni minn: **Storja tal-Mosta** minn E.B. Vella u Oħrajn.
b) Ħajr lis-sinjuri: Salvu Zahra, Louis Vella, John Magri, Emanuel Vassallo, Grezzio Schembri u diversi anzjani ġentili oħra li impossibbli nsemmihom kollha li għinuni biex stajt niġbor dan it-tagħrif.